MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 2/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Micallef**
**Alan Bugeja**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Ezekuttiva fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT kontra l-imsemmijin Kevin Micallef, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 481868(M) u Alan Bugeja, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 224980(M) talli:

(1) fl-10 ta' Settembru 2005 wara spezzjoni li saret minn uffcjali tal-pulizija fuq il-*yacht Kapitan Nemo*, gewwa l-Qawra, instab li f'dik il-gurnata, it-tnejn flimkien, bil-komplicita` u l-kooperazzjoni ta' xulxin, sabiex jiksbu xi

vantagg jew beneficcju ghalihom infushom u/jew ghal haddiehor, xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu, fl-importazzjoni ta' l-oggetti hawn taht imsemmija, filli bil-qerq jinharab jew jigi ttentat li jinharab id-dazju tas-sisa u/jew xi dazji ohra ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta

| Oggetti | Valur(Lm) | Dazju tas-Sisa | VAT |
|---|---|---|---|
| 72 flix. tal-1 ltr Tequila Souza | 330.42 | 273.60 | 108.72 |
| 180 flix. tal-1 ltr Jack Daniels Wh. | 1,081.82 | 720.00 | 324.33 |
| 120 flix. tal-1 ltr Sambuca Ramazzotti | 362.35 | 456.00 | 147.30 |
| 240 flix. tal-1 ttr Yankee Kentucky Whisky | 921.93 | 960.00 | 338.75 |
| 720 flix. tal-1 ltr Vodka Wyborowa | 2,101.83 | 2,880.00 | 896.73 |
| 60 flix. tal-1 ltr Jose' Mari White Rum | 185.40 | 228.00 | 74.41 |
| 180 flix. tal-70c1 J&B Rare Whisky | 643.94 | 504.00 | 206.63 |
| TOTAL | Lm5,627.69 | Lm6,021.60 | Lm2,096.87 |

L-importazzjoni tax-xorb alkoholiku, hawn fuq imsemmi, hija projbita u/jew ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta' Lm5,627.69, dazju tas-sisa Lm6,021.60 u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) ta' Lm2,096.87, liema dazju tas-sisa u l-VAT ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur ta':
1-artikoli 3(1), 60(b)(h)(k), 62(a)(b)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2) u paragrafu (a) tal-*proviso* ta' 1-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 16(1)(j) u 17(a) ta' l-Aft XVI dwar id-Dazju tas-Sisa; l-artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XXIII ta 1-1998).

Lil Kevin Micallef wahdu talli:

(2) f'dawn il-Gzejjer, f'Settembru 2005, fil-kapacita` tieghu ta' kaptan tal-*yach*t *Kapitan Nemo*, ta jew gieghel li tinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz, liema nformazzjoni kellha tigi moghtija skond jew ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta (l-artikoli 29 u 32(1)(c) tal-Kapitolu 217);

(3) b'hekk sar recidiv skond 1-artikoli 49 *et seq.* tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi 1-pieni stabbiliti skont il-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti nkluz ix-xorb alkoholiku hawn fuq imsemmi, kif ukoll tal-*yacht Kapitan Nemo* skond 1-artikoli 23 u 23B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi 1-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika 1-provvedimenti tal-ahhar *proviso* ta' 1-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmijin Kevin Micallef u Alan Bugeja ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Dicembru 2011, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imsemmijin Kevin Micallef u Alan Bugeja hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u lliberathom mill-istess;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fit-2 ta' Jannar 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellati hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontrihom u tinfliggi l-piena u l-konfiska skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedini penali aġġornati ta’ l-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-Avukat Generali huma li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zba1jat u irragjonevoli tal-provi migbura u interpretazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi. L-appellant Avukat Generali jghid illi intavola dan 1-appell a bazi ta’ dak li jipprovdi 1-artikolu 413(1)(c) tal-Kap 9 u 1-artikolu 88 tal-Kap 37 ta1-Ligijiet ta’ Malta, u jispjega l-aggravji tieghu bil-mod segwenti:

“Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti jidher b’mod car illi hija kienet qieghda temmen *in toto* dak kollu li stqarru u xehdu l-imputati u b’hekk illiberathom mill-akkuzi kollha. Fl-umli fehma ta’ 1-esponent dan huwa manifestament zbaljat ghaliex mill-provi l-ohra u b’mod partikolari mill-provi indizjarji dawn kollha jippuntaw lejn sejbien ta’ htija fil-konfront tal-appellati.

“Illi l-imputati gew akkuzati illi kisru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(1) tal-Kap 37. Dan jghid illi ‘Ebda bastiment li jasal f’Malta minn post ‘il hemm mill-ibhra, ma jista’ jidhol f’xi port iehor f’Malta hlief fil-Port il-Kbir, fil-Port ta’ Marsamxett jew biss ghall-fini ta’ imbark jew zbark ta’ merkanzija jew *containers* kif imfisser fl-artikolu 20 tal-Att dwar id-Dazji ta’ Importazzjoni, fil-Port ta’ Marsaxlokk, hlief bil-permess tal-Kontrollur.’

“Illi kif jirrizulta mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellati qatt ma gabu permess sabiex huma jidhlu l-Qawra kif effettivament ghamlu. Ghaldaqstant jidher bic-car illi l-appellati ma mxewx mad-disposizzjonijiet ta’ dan 1-artikolu u ghaldaqstant kellhom jinstabu hatja ta’ dan.

“Illi l-appellati xehdu illi dahlu l-Qawra minhabba li matul il-vjagg taghhom lura lejn Malta zviluppat hsara f’magna wahda tal-*yacht Kapitan Nemo*. Illi minkejja dan u kif jirrizulta mix-xiehda tal-Bombardier Felix Grech a fol. 87 tal-process ‘Il-lanca kienet qed tinstaq bil-magni taghha’ u kienet biss eskortata sal-Port il-Kbir u mhux irmunkata.

Infatti in kontro-ezami 1-istess Bombardier Felix Grech wara li gie ssuggerit illi l-lanca tal-Forzi Armati rmunkat lil *Kapitan Nemo*, jghid illi dana assolutament mhuwiex minnu. Illi dan ikompli jikkonfermah il-Bombardier Duncan Formosa fix-xiehda tieghu a fol 89 tal-process meta jghid illi ‘Il-lanca ma kellha bzonn l-ebda assistenza biex tidhol fil-Port il-Kbir.’ U anke Victor Palmier li jghid ‘Il-Kapitan Nemo ghamel il-vjagg ghal Port il-Kbir fuq il-magni tieghu.’

“Illi ghalhekk jidher bic-car li ghalkemm l-appellat Kevin Micallef xehed illi ‘ma nistax nibqa’ diehel go port b’magna wahda’ dan mhuwiex minnu ghaliex il-*yacht* dahal il-Port il-Kbir eskortat biss mill-lanca tal-Forzi Armati u mhux irmunkat. Dan juri illi kien hemm intenzjonijiet jew motivi ulterjuri ghaliex il-*yacht* dahal il-Qawra.

“Illi wkoll mill-provi prodotti jirrizulta li l-*Kapitan Nemo* minkejja li nforma lill awtoritajiet kompetenti bit-tluq tieghu minn Malta u anke bil-wasla tieghu Sqallija, ma nforma lil hadd bir-ritorn tieghu f’Malta. L-unika spjegazzjoni li taw l-imputati ta’ dan in-nuqqas u cioe` li ma avzawx lit-Turretta kienet li l-persuni abbord kienu fi stat ta’ paniku. Illi 1-Ewwel Qorti ppronunzjat ruhha hekk fuq dan il-fatt ‘Dan il-komportament jista’ jaghti aditu ghal suspett li sar hekk minhabba l-presenza tax-xorb fl-istiva tal-*yacht*.’

“Illi ghaldaqstant il-fatt illi l-*Kapitan Nemo* dahal il-Qawra meta fil-verita` seta’ facilment jidhol il-Port il-Kbir, illi ma avza lil hadd bir-ritorn tieghu f’Malta, illi x-xorb in kwistjoni kien ser jigi wzat waqt il-*party* il kellu jsir fi Fra Ben il-Qawra stess u anke l-ammissjoni tal-appellati fl-istqarrija fejn qalu illi ghamlu dan biex jevadu l-hlas tad-dwana, jippuntaw kollha lejn sejbien ta’ htija fil-konfront tal-appellati.

“Illi b’kull rispett dovut, l-Ewwel Qorti tat wisq piz lill-fatt illi l-appellati kellhom l-*invoices* tax-xorb fuqhom ghax fil-verita` dan jista’ ma jfisser xejn minhabba illi hija prassi normalissima li 1-venditur jaghti l-*invoice* meta jinxtara prodott u ghalhekk l-*invoices* mhumiex prova tal-intenzjoni tal-appellati li jiddikjaraw ix-xorb li kellhom abbord.”

**6.** Minn dan jidher illi l-appell ta' l-Avukat Generali huwa dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti, u huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

**7.** Issa, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti spjegat il-fatti rizultanti u kkonkludiet illi l-appellati ma kellhomx jinstabu hatja ta' l-imputazzjonijiet wara li hadet in konsiderazzjoni is-segwenti:

**"Mill-komportament ta' l-imputati jirrizulta li huma ma kellhom ebda ghaggla biex ihallu l-yacht. Proprju ghal kuntrarju ghaliex l-imputat Kevin Micallef kien qed jahsel il-yacht. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kieku l-imputati riedu jdahhlu dan ix-xorb klandestinament ma kinux ihalluh abbord izda jibdew ihottu l-merkanzija immedjatament. Il-fatt li kif gew l-ewwel Pulizija mal-ewwel qalulhom li ghandhom ix-xorb u li riedu jiddikjarawh juri bic-car li ma kellhom ebda intenzjoni hazina. Il-fatt li kellhom l-invoices hu xhieda ta' dan.**

**"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg imputati jmexxu hwienet tax-xorb. Fil-fatt, il-Pulizija ghamlet l-indagini taghha u ma rrizulta xejn irregolari fil-gestjoni ta' dawn il-hwienet.**

**"Illi z-zewg imputati rrilaxxaw zewg stqarrijiet lill-pulizija minn fejn jirrizulta li qalu lill-pulizija li dak li ghamlu biex jevadu l-hlas tad-dwana. Dan hu minnu izda l-imputati offrew ix-xiehda taghhom bil-gurament u ndikaw ghaliex qalu hekk. Fil-fatt, l-avukati ta' l-imputati kienu tal-fehma li l-ispjegazzjoni moghtija kienet bizzejjed, kif ukoll ghamlu referenza ghall-fatt li l-istqarrijiet ttiehdu b'manjiera li llum mhix rikonoxxuta minn dawn il-Qrati.**

**“Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta li ghalkemm l-imputati naqsu li jinfurmaw lill-awtoritajiet bil-prezenza taghhom hemm dubji serji li fil-fatt riedu jiksru l-ligi. Haga ohra interessanti hi li Ludwig Borg xehed li wara hafna zmien fetah il-magni tal-Kapitan Nemo u sab hsara serja fuq magna u fuq it-tieni magna l-pompa ta’ l-ilma kienet bil-hsara.”**

**8.** Din il-Qorti ezaminat il-provi li ngabu quddiem l-ewwel Qorti u tghid mill-ewwel illi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet. Bhalma qalet l-istess Qorti, jista’ jkun hemm suspett illi l-appellati riedu jevadu t-taxxa. Izda s-suspett biss mhux bizzejjed *in criminalibus* fejn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli. Effettivament, minbarra l-osservazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota illi meta kienu l-Qawra l-mekkanik li kienu kkuntattjaw gie fuq il-post izda ma thalliex jitla’ abbord mill-Pulizija. Inoltre mix-xiehda ta’ l-appellat Kevin Micallef, mhux kontradett, jidher illi meta waslu l-Port, giet dghajsa ta’ l-assistenza sabiex jimbuttaw il-*yacht* biex dahlu mal-moll. Jigi wkoll osservat illi x-xorb li kellhom ma kienx mohbi.

**9.** Fid-dawl ta’ dan kollu, u wara li din il-Qorti qieset ukoll pronunzjamenti recenti tal-Qorti Kostituzzjonali dwar stqarrijiet ta’ persuni suspettati, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-appell ta’ l-Avukat Generali ma jimmeritax akkoljiment.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tawtorizza lill-appellat Kevin Micallef jirtira l-garanzija bankarja esebita fl-atti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------